PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2008/0047(COD)

10.9.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni
(COM(2008)0106 – C6-0092/2008 – 2008/0047 (COD))

Rapporteur għal opinjoni: Christopher Heaton-Harris

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni, programm Komunitarji plurijennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u teknoloġiji oħra ta' komunikazzjoni, hu li s-suċċessi tal-Pjan ta' Azzjoni għal Internet Aktar Sikur jintużaw bħala pedament għal azzjonijiet ulterjuri.

L-Unjoni Ewropea kienet minn ta' quddiem nett fil-ħarsien tat-tfal fuq l-internet sa mill-1996, u l-programmi suċċessivi ta' Internet Aktar Sikur kienu karatteristika ewlenija tal-attività tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Dawn jikkostitwixxu l-unika inizjattiva pan-Ewropea li tindirizza l-kwistjonijiet relatati mal-ħarsien tat-tfal fl-ambjent *online* u jinkludu bosta azzjonijiet li taw xhieda tal-effettività tagħhom.

Huma kisbu dan li ġej:

- Netwerk Ewropew ta' *hotlines* – punti ta' rrappurtar fejn il-membri tal-pubbliku jistgħu jirrappurtaw il-kontenut illegali

- Netwerk Ewropew għall-qawmien ta' kuxjenza u l-"Jum għal Internet aktar Sikur" ikkoordinat min-netwerk. Ta' kull sena, għadd dejjem jiżdied ta' pajjiżi ħadu sehem fih fl-Ewropa u madwar id-dinja.

- Tagħrif għall-ġenituri permezz ta' analiżi indipendenti tal-effettività tal-programmi ta' filtrazzjoni

- Appoġġ għall-inizjattivi awtoregolatorji tal-industrija fil-qasam tal-klassifikazzjoni tal-kontenut u tal-mowbajls

Skont l-evalwazzjoni finali tal-Pjan ta' Azzoni għal Internet aktar Sikur, l-Unjoni Ewropea issa hija meqjusa bħala pijunier li identifika fi stadju bikri l-kwistjoni tal-kontenut illegali u dannuż fuq l-Internet bħala kwistjoni politika serja u importanti ta' dimensjoni globali.

Ir-rapporteur għal opinjoni jappoġġja lill-proposta tal-Kummissjoni bi prinċipju, u jappoġġja lill-azzjonijiet ta' suċċess li rriżultaw s'issa, b'mod partikulari fil-qasam tal-iżgurar ta' kuxjenza pubblika. Madankollu, jinsab imħasseb dwar id-differenzi fir-riżorsi u l-kapaċità organizzattiva bejn l-Istati Membri differenti fil-qasam tat-tnaqqis ta' kontenut illegali u l-affrontar ta' kontenut dannuż *online*. Hemm xi azzjonijiet relattivament sempliċi li jistgħu jittieħdu - li ħafna minnhom diġà qed jirriżultaw f'suċċess f'xi Stati Membri - li kieku jtejbu l-kapaċità tal-entitajiet relevanti fl-Istati Membri biex jidentifikaw u jneħħu kontenut relattiv għall-abbuż sesswali tat-tfal b'mod aktar malajr u aktar effettiv.

Ir-rapporteur għal opinjoni hu favur il-proposta għal bażi tad-data għall-Ewropa kollha għat-titjib tal-bażi tal-għarfien f'dan il-qasam, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu kull pass disponibbli biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' din sa malajr kemm jista' jkun. Bħala konklużjoni, il-programm kien suċċess għall-Unjoni Ewropea, din il-proposta għandha tiżgura li jkompli b'dak is-suċċess, u r-rapporteur għal opinjoni tagħkom jittama li permezz ta' koperazzjoni internazzjonali ulterjuri, din il-prattika t-tajba tista' tiġi kkomunikata lil partijiet oħra tad-dinja.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Hemm ix-xewqa li jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar regoli li jorbtu legalment***, iżda dan mhuwiex se jintlaħaq*** malajr. ***Anke jekk*** jintlaħaq dan it-tip ta' ftehim, minnu nnifsu dan ma jkunx biżżejjed biex ***jiżgura*** l-implimentazzjoni tar-regoli jew ***jiżgura l-protezzjoni*** ta' dawk li jinsabu fir-riskju.	(5) Hemm ix-xewqa li jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar regoli li jorbtu legalment ***sa*** malajr ***kemm jista' jkun. Jekk*** jintlaħaq dan it-tip ta' ftehim, minnu nnifsu dan ma jkunx biżżejjed***, u għalhekk għandha tittieħed firxa ta' miżuri*** biex ***jiġu żgurati*** l-implimentazzjoni tar-regoli jew ***il-protezzjoni*** ta' dawk li jinsabu fir-riskju

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-kooperazzjoni internazzjonali hija essenzjali minħabba n-natura globali tal-problema. Il-kontenut illegali jista' jkun prodott f'pajjiż wieħed, ospitat f'ieħor, iżda aċċessat u mniżżel mad-dinja kollha. Il-kooperazzjoni internazzjonali, li ġiet stimulata permezz ta' l-istrutturi tan-netwerks Komunitarji, teħtieġ li tiġi rinfurzata sabiex it-tfal jitħarsu aħjar minn riskji transkonfinali li jinvolvu pajjiżi terzi. Skambju ta' l-aħjar prattika bejn l-organizzazzjonijiet Ewropej u	(9) Il-kooperazzjoni internazzjonali hija essenzjali minħabba n-natura globali tal-problema ***- fl-2007, l-UE ospitat biss madwar 3% tas-siti kummerċjali relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal.*** Il-kontenut illegali jista' jkun prodott f'pajjiż wieħed, ospitat f'ieħor, iżda aċċessat u mniżżel mad-dinja kollha. Il-kooperazzjoni internazzjonali, li ġiet stimulata permezz ta' l-istrutturi tan-netwerks Komunitarji, teħtieġ li tiġi rinfurzata sabiex it-tfal jitħarsu aħjar minn riskji transkonfinali li

organizzazzjonijiet f'partijiet oħrajn tad-dinja kollha jistgħu jkunu reċiprokament vantaġġjużi.	jinvolvu pajjiżi terzi. Skambju ta' l-aħjar prattika bejn l-organizzazzjonijiet Ewropej u organizzazzjonijiet f'partijiet oħrajn tad-dinja kollha***, b'mod partikulari fl-Istati Uniti tal-Amerka,*** jistgħu jkunu reċiprokament vantaġġjużi.

Ġustifikazzjoni

Fil-biċċa l-kbira minħabba s-suċċess tal-Programm għal Internet Aktar Sikur, l-UE qed ikollha suċċess li għadu għaddej fit-tneħħija ta' siti li jospitaw kontenut illegali. L-istatistika miġbura mill-Fondazzjoni "Internet Watch" turi li, fl-2007, is-siti fl-Istati Uniti ospitaw madwar 48% tas-siti kummerċjali, pubblikament disponibbli, relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal; dan in-numru kiber fl-ewwel trimestru tal-2008 għal madwar 78%. Perċentwali sinifikanti ta' kontentenut mhux kummerċjali wkoll hi ospitati fuq siti fl-Istati Uniti. Hu vera li l-użu tal-internet f'dawn il-pajjiżi hu fost l-ogħla fid-dinja, imma hu ċar li jista' jsir aktar biex dawn in-numri jitnaqqsu.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 1 - punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-għoti lill-pubbliku ta' punti ta' kuntatt għar-rappurtar ta' kontenut illegali fuq l-internet u mġiba dannuża fuq l-internet. L-attivitajiet għandhom jiżguraw li dawn il-punti ta' kuntatt huma effettivi u viżibbli għall-pubbliku, għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' azzjonijiet oħrajn fuq livell nazzjonali, u jikkooperaw fuq livell Ewropew biex jittrattaw kwistjonijiet transkonfinali, u jiskambjaw l-aħjar prattika.	1. L-għoti lill-pubbliku ***u l-promozzjoni tal-eżistenza*** ta' punti ta' kuntatt ***u ta' hotlines*** għar-rappurtar ta' kontenut illegali fuq l-internet u mġiba dannuża fuq l-internet. L-attivitajiet għandhom jiżguraw li dawn il-punti ta' kuntatt huma effettivi u viżibbli għall-pubbliku, ***li jiġu promossi sistematikament, b'mod partikulari fuq is-search engines kollha u permezz ta' numru tat-telefown Ewropew b'xejn,*** għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' azzjonijiet oħrajn fuq livell nazzjonali, u jikkooperaw fuq livell Ewropew biex jittrattaw kwistjonijiet transkonfinali, u jiskambjaw l-aħjar prattika.

Ġustifikazzjoni

Kif tgħallimna min-numru ta' emerġenza 112, m'hemm l-ebda punt li sempliċiment jinħolqu numri jew hotlines pan-Ewropej sakemm il-pubblika ma jkunx jaf li jeżistu. Għandhom jiġu promossi biex titqajjem kuxjenza pubblika dwarhom.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 1 - punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tqanqil ta' l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu ttrattati b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet. L-attivitajiet għandhom iħeġġu l-iżvilupp jew l-adattazzjoni ta' għodod teknoloġiċi effettivi biex jittrattaw b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet, għall-użu ġenerali *mill-partijiet interessati.*	3. It-tqanqil ta' l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu ttrattati b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet ***u biex l-utenti aħħarija jiġu infurmati dwar kif din it-teknoloġija tista' tiġi applikata.*** L-attivitajiet għandhom iħeġġu l-iżvilupp jew l-adattazzjoni ***u/jew il-promozzjoni*** ta' għodod teknoloġiċi effettivi biex jittrattaw b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet, ***għodod li jkunu disponibbli bla ħlas*** għall-użu ġenerali ***faċli*** *minn dawk kollha li għandhom sehem fil-qasam.* ***Dawk kollha li għandhom sehem fil-qasam għandhom jiġu infurmati dwar id-disponibilità ta' din it-teknoloġija u l-użu tagħha kif suppost.***

Ġustifikazzjoni

Teknoloġiji jew soluzzjonijiet tekniċi ġodda huma inutli sakemm il-pubbliku ma jkunx infurmat dwar id-disponibilità tagħhom u dwar l-aktar mod effettvi kif jużahom.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 1 - punt 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***5a. L-involviment tar-reġistri għall-ismijiet ta' domains meta dan ma jkunx il-każ u t-tishih tal-kooperazzjoni meta din teżisti. L-attivitajiet se jkunu mmirati biex jikkomplimentaw lil azzjonijiet eżistenti billi tittejjeb il-koperazzjoni mar-reġistri tal-ismijiet ta' domains fl-Istati Membri u billi jitħeġġu r-relazzjonijiet pożittivi ma' reġistri barra mill-UE sabiex ikun jista' jkun hemm identifikazzjoni minn qabel ta' kontenut potenzjalment illegali u biex tiġi**

minimizzata l-lonġevità ta' siti magħrufa li joffru kontenut relatat mal-abbuż sesswali tat-tfal.

Ġustifikazzjoni

Il-koperazzjoni mal-industriji tal-internet u l-komunikazzjoni hi essenzjali f'qasam li jiżviluppa daqshekk malajr, imma r-reġistri tad-domains huma partikularment importanti, peress li huma l-bażi li fuqha huma msejsa s-siti. Koperazzjoni aħjar ma' dawn l-entitajiet fil-livell tal-Istati Membri twassal għal sistema aktar effettiva ta' "twissija bikrija" għall-kontenut illegali u tagħmel l-operazzjonijiet aktar għaljin, għaddiena u diffiċili għal dawk li jmexxu siti relatati mal-abbuż tat-tfal, uħud minnhom ilhom "lajv" għal diversi snin, dejjem jużaw l-istess isem ta' domain.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 2 - punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tqanqil ta' l-involviment tat-tfal u ż-żgħażagħ fil-ħolqien ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet. L-azzjonijiet se jimmiraw li jinvolvu lit-tfal u liż-żgħażagħ bil-għan li jinftiehmu aħjar il-perspettivi u l-esperjenzi tagħhom dwar l-użu tat-teknoloġiji online u dwar kif jiġi promoss ambjent aktar sikur għat-tfal fuq l-internet.	3. It-tqanqil ta' l-involviment tat-tfal u ż-żgħażagħ fil-ħolqien ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet. L-azzjonijiet se jimmiraw li jinvolvu lit-tfal u liż-żgħażagħ bil-għan li jinftiehmu aħjar il-perspettivi u l-esperjenzi tagħhom dwar l-użu tat-teknoloġiji online u dwar kif jiġi promoss ambjent aktar sikur għat-tfal fuq l-internet***, bl-appoġġ tal-ispeċjalisti***.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 2 - punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iż-żieda ta' l-informazzjoni dwar għodod xierqa biex jiġi ttrattat il-kontenut dannuż fuq l-internet. L-attivitajiet se jimmiraw li jżidu l-informazzjoni dwar il-ħidma u l-effettività ta' l-għodod biex jiġi ttrattat il-kontenut potenzjalment dannuż fuq l-internet u biex l-utenti jiġu mgħammra b'informazzjoni, strumenti u	4. Iż-żieda ta' l-informazzjoni dwar għodod xierqa biex jiġi ttrattat il-kontenut dannuż fuq l-internet. L-attivitajiet se jimmiraw li jżidu l-informazzjoni***, partikularment għall-ġenituri, għal min jagħti kura u għall-edukaturi,*** dwar il-ħidma u l-effettività ta' l-għodod biex jiġi ttrattat il-kontenut potenzjalment dannuż

applikazzjonijiet li jappoġġawhom b'mod xieraq biex jittrattaw il-kontenut dannuż fuq pjattaformi differenti.	fuq l-internet u biex l-utenti ***kollha regolarment*** jiġu mgħammra b'informazzjoni, strumenti u applikazzjonijiet ***sempliċi u edukattivi*** li jappoġġawhom b'mod xieraq biex jittrattaw il-kontenut dannuż fuq pjattaformi differenti.

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li jitnaqqas id-distakk ta' għarfien li ġeneralment jeżisti bejn l-adulti u t-tfal peress li l-adulti jikkontrollaw l-aċċess tat-tfal għall-kontenut. Madankollu, hu importanti li tingħata attenzjoni speċjali lil dawk l-adulti li għandhom kontroll dirett fuq l-aċċess tat-tfal għal kontenut bħall-ġenituri, dawk li jagħtu l-kura jew l-edukaturi.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 3 - punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħolqien tal-kuxjenza pubblika u t-tixrid ta' l-informazzjoni dwar l-użu aktar sikur tat-teknoloġiji online. L-attivitajiet se jippromwovu l-kuxjenza pubblika billi jipprovdu informazzjoni xierqa dwar il-possibbiltajiet, ir-riskji u l-modi kif jiġu ttratati b'mod ikkoordinat ma' l-Ewropa kollha. L-attivitajiet se jħeġġu mezzi effettivi f'termini ta' nfiq li permezz tagħhom jixxerred it-tagħrif ta' kuxjenza lil għadd kbir ta' utenti.	1. Il-ħolqien tal-kuxjenza pubblika u t-tixrid ta' l-informazzjoni dwar l-użu aktar sikur tat-teknoloġiji online. L-attivitajiet se jippromwovu l-kuxjenza pubblika billi jipprovdu***, b'mod regolari u sistematiku,*** informazzjoni xierqa dwar il-possibbiltajiet, ir-riskji u l-modi kif jiġu ttratati b'mod ikkoordinat ma' l-Ewropa kollha. L-attivitajiet se jħeġġu mezzi effettivi f'termini ta' nfiq li permezz tagħhom jixxerred it-tagħrif ta' kuxjenza lil għadd kbir ta' utenti***, b'mod partikulari liż-żgħazagħ, kemm permezz tal-iskejjel u kemm permezz ta' assoċjazzjonijiet.***

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 4 - kliem ta' introduzzjoni

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-attivitajiet se jimmiraw li jistabbilixxu bażi ta' għarfien biex jiġu ttrattati b'mod	L-attivitajiet se jimmiraw li jistabbilixxu bażi ta' għarfien biex jiġu ttrattati b'mod

effettiv użi eżistenti u emerġenti ta' l-ambjent ta' fuq l-internet u r-riskji u l-konsegwenzi rilevanti, bil-għan li jitfasslu azzjonijiet xierqa mmirati li jiżguraw is-sikurezza fuq l-internet għall-utenti kollha. L-azzjonijiet ġenerali ewlenin li huwa ppjanat li jittieħdu huma:	effettiv użi eżistenti u emerġenti ta' l-ambjent ta' fuq l-internet u r-riskji u l-konsegwenzi rilevanti, bil-għan li jitfasslu azzjonijiet xierqa mmirati li jiżguraw is-sikurezza fuq l-internet għall-utenti kollha. ***Il-kontenut ta' din il-bażi ta' għarfien għandu jinqasam ma' dawk kollha li għandhom sehem fil-qasam u jitqassam fl-Istati Membri kollha.*** L-azzjonijiet ġenerali ewlenin li huwa ppjanat li jittieħdu huma:

Ġustifikazzjoni

Bażijiet ta' għarfien mhumiex utli sakemm l-informazzjoni ma tinqasamx ma' ħaddieħor.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 4 - punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-għoti ta' informazzjoni aġġornata dwar l-użu mit-tfal tat-teknoloġiji online. Se jittieħdu azzjonijiet biex tiġi ġġenerata informazzjoni aġġornata dwar l-użu mit-tfal tat-teknoloġiji online u l-mod kif huma u l-ġenituri tagħhom ***u*** dawk li jieħdu ħsiebhom jittrattaw kemm l-opportunitajiet kif ukoll ir-riskji. L-azzjonijiet se jinkludu aspetti kwantitattivi u kwalitattivi. L-azzjonijiet se jimmiraw ukoll li jżidu l-għarfien ta' l-istrateġiji proprji tat-tfal u ż-żgħażagħ biex jittrattaw ir-riskji fl-ambjent ta' fuq l-internet, u jevalwaw l-effettività ta' dawn l-istrateġiji.	2. L-għoti ta' informazzjoni aġġornata dwar l-użu mit-tfal tat-teknoloġiji online. Se jittieħdu azzjonijiet biex tiġi ġġenerata informazzjoni aġġornata dwar l-użu mit-tfal tat-teknoloġiji online u l-mod kif huma u l-ġenituri tagħhom***,*** dawk li jieħdu ħsiebhom***, l-għalliema u l-edukaturi tagħhom*** jittrattaw kemm l-opportunitajiet kif ukoll ir-riskji. L-azzjonijiet se jinkludu aspetti kwantitattivi u kwalitattivi. L-azzjonijiet se jimmiraw ukoll li jżidu l-għarfien ta' l-istrateġiji proprji tat-tfal u ż-żgħażagħ biex jittrattaw ir-riskji fl-ambjent ta' fuq l-internet, u jevalwaw l-effettività ta' dawn l-istrateġiji.

Ġustifikazzjoni

B'użu dejjem jiżdied tal-internet miż-żgħażagħ, hu importanti li l-għalliema u l-edukaturi jkunu konxji tal-kwistjonijiet kollha. Dan hu partikularment importanti minħabba l-ibbullijar elettroniku li ta' spiss jirriżulta mill-ambjent tal-iskola.

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 4 - punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-promozzjoni tal-użu ta' bażijiet tad-data internazzjonali għall-istampi - bħal dawk immexxija mill-Interpol - biex jiġi miġġieled l-abbuż tat-tfal. Jista' jkun li koperazzjoni aktar mill-qrib mill-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea mal-Interpol u l-bażijiet tad-data tagħha jagħmlu l-koperazzjoni fil-livelli nazzjonali, Ewropej u internazzjonali aktar effettivi.

Ġustifikazzjoni

Bl-intenzjoni li tittejjeb il-koperazzjoni fil-ġlieda kontra l-abbuż tat-tfal, hi idea tajba li jintużaw u jiġu żviluppati l-istrumenti eżistenti. Pereżempju, bażi tad-data Ewropea speċjali tirdoppja l-ammont ta' xogħol involut u b'hekk ixxekkel l-isforzi biex jiġi miġġieled l-abbuż tat-tfal. Barra minn hekk, id-data involuta hi sensittiva ħafna, u għalhekk hu essenzjali li jkun hemm protezzjoni tad-data b'bażi legali xierqa.

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 4 - punt 2 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Il-ħolqien ta' bażi tad-data għall-Ewropa kollha ta' data teknika bħall-URLs u d-domains irrappurtati li huma relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal, bħal statistika u bħal xejriet minn Stati Membri differenti L-attivitajiet se jikkonċentraw fis-sorveljanza tal-ħolqien ta' bażi tad-data għall-Ewropa kollha, sabiex l-aġenziji għall-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet relevanti tal-Istati Membri jitħallew jaqsmu l-informazzjoni u b'hekk titnaqqas id-duplikazzjoni tal-isforzi eżistenit u jiġi massimizzat l-użu ta' riżorsi attwali u futuri.

PROĊEDURA

Titolu	Il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħra tal-komunikazzjoni
Referenzi	COM(2008)0106 – C6-0092/2008 – 2008/0047(COD)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 10.4.2008
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Christopher Heaton-Harris 1.4.2008
Eżami fil-kumitat	14.7.2008
Data tal-adozzjoni	10.9.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Ivo Belet, Marie-Hélène Descamps, Věra Flasarová, Milan Gaľa, Vasco Graça Moura, Luis Herrero-Tejedor, Ruth Hieronymi, Ramona Nicole Mănescu, Manolis Mavrommatis, Ljudmila Novak, Dumitru Oprea, Pál Schmitt, Helga Trüpel, Thomas Wise, Tomáš Zatloukal
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Slavi Binev, Ignasi Guardans Cambó, Mary Honeyball, Cornelis Visser, Tadeusz Zwiefka